2 ta' April, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Nicolina Pace *versus* Neg. Giovanni Coleiro

**Enfitewsi — Benefikati — Penali — Obligazzjoni Solidali u Obbligazzjoni Indiviżibili — Sejħa fil-Kawża — Art. 1155 u 1160 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm is-solidarjetà weħedha ma ġġibx għall-konsegwenza ta' l-indiviżibilità ta' l-obligazzjoni, is-solidarjetà hija spiss indizju ta' indiviżibilità ta' l-obligazzjoni skond il-fehma tal-partijiet.*

*Il-penali hija s-sanzjoni ta' l-inadempjenza. u kif l-adempiment għandu jkun integrali biex jiġi eżegwit il-ftehim, hekk ukoll għandha tkun integrali l-penali korrispondenti għall-inadempiment.*

*Għaldaqstant, meta diversi persuni jieħdu konċessjoni enfitewtika u jobligaw ruħhom solidalment li jeżegwixxu l-benefikati fil-fond enfitewtiku, u tiġi stabbilita penali bħala sanzjoni ta' dik l-obligazzjoni, dik il-penali tipparteċipa min-natura ta' l-indiviżibilità ta' l-obligazzjoni prinċipali, u għalhekk hija wkoll indiviżibili.*

*Fil-każ ta' obligazzjoni indiviżibili l-ġudizzju taqħti lill-konvenut is-sudd li jitlob is-sejħa fil-kawża tal-ko-obligati. Imma meta l-obligazzjoni tkun anki solidali, il-konvenut ma għandux dritt jinsisti għal dik is-sejħa fil-kawża; sole id-dritt tiegħu ta' regress kontra l-ko-obligati.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha l-attriċi ppremettiet illi b'kuntratt in att' tan-Nutar Dr. Ettore Francesco Vassallo tad-9 ta' Settembru 1936 l-attriċi u l-mejjet ħuha Salvatore, li tiegħu hija l-unika eredi, ikkonċedew lill-konvenut u lil persuni oħra "in solidum" bejniethom, in enfitewsi perpetwa s-sit fabbrikabili f'Każal Attard, ġà limiti ta' Każal Balzan, tal-kejl ta' 721 qasba kwadrata u 95/100 ta' qasba kwadrata (dok. A anness maċ-ċitazzjoni); u li l-konvenut "in solidum" ma' l-enfitewti l-oħra obliga ruħu li jagħmel fuq dan is-sit benefikati permanenti ta' valur mhux anqas minn £600 fi żmien tmien snin mid-data ta' l-istess kuntratt, u in difett iħallas lill-konċedenti a titolu ta' penali l-ammont ta' £200; u li l-konvenut u l-koenfitewti l-oħra ma għamlux benefikati ta' dak il-valur fis-sit fabbrikabili fuq imsemmi fit-terminu konvenut; talbet li, wara li jsiru d-dikarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, il-konvenut bħala kondebitur solidali, jiġi kundannat iħallas lill-attriċi l-ammont ta' £200 a titolu ta' penali fuq imsemmija; bl-interessi kummerċjali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Awissu 1950, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tas-6 ta' Diċembru 1950, li ddeċediet l-inċident billi ddikjarat li l-klawsola penali kienet obligu assunt anki "in solidum" u indiviżibilment, u li għalhekk ma hemmx lok għall-kjamata in kawża mitluba mill-konvenut; salv kull dritt tiegħu, in forza tar-regoli tal-liġi dwar is-solidarjetà, speċje dak li jisserva bl-eċċezzjonijiet, mhux personali, kompetenti lill-oħrajn tenuti bħalu; u ordnat illi l-ispejjeż jibqgħu riżervati; billi kkunsidrat;

Dwar l-inċident tal-kjamata in kawża;

"Ex concessis" il-konvenut kien wieħed mill-erbgħa li aċċettaw u ħadu "in solidum" bejniethom il-konċessjoni enfitewtika tas-sit fabbrikabili "de quo". Fil-patt nru. 4 ingħad hekk:— "Gli enfiteuti in solido tra loro si obbligano di erigere in detto sito entro otto anni beneficati stabili e permanenti del valore non minore di lire sterline sei cento; in di-

fetto di che essi dovranno pagare a titolo di penale lire sterline due cento ai contendenti'';

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-interpretazzjoni korretta ta' din il-klawsola hija illi anki l-ħlas tal-penali kien obligu li ġie assunt "in solidum". Il-kliem "in solido", fil-post fejn qegħdin fil-paragrafu ċitat, ċjoè qabel ma jissemmew iż-żewġ obligi ta' l-erezzjoni tal-benefikati u l-ħlas tal-penali, jiggvernaw dawk iż-żewġ obligi. Kien ikun hemm lok ta' dubju kieku dawk il-kliem kienu nseriti wara l-kliem "di erigere" ("Gli enfiteuti si obligano di erigere in solido tra di loro"); għaliex f'każ simili l-kliem "in solido", avvolja fl-istess paragrafu, kienu jkunu riferibili skond ir-regoli ta' l-interpretazzjoni letterali għall-obligi ta' l-erezzjoni tal-benefikati biss. Kif inhuma mqiegħdin, jirriferixxu għaż-żewġ obligi. Għalhekk tant l-interpretazzjoni letterali, kemm dik ta' l-ispirtu tal-patt, turi li anki l-assunzjoni ta' l-obligu tal-ħlas tal-penali kienet solidali;

Apparti dan, obligazzjoni, skond il-liġi, hi indiviżibili anki meta, għalkemm l-oġġett tagħha jista' jinqasam, eppure l-mod li bih il-patt ġie kunsidrat ma jippermettix eżekuzzjoni in parti (art. 1154 Kap. 23, Ediz. Riv.). Issa, f'dana l-każ, ċertament il-partijiet kellhom fi ħsiebhom l-eżekuzzjoni totali tal-benefikati fis-somma konvenuta. Għalhekk l-obligazzjoni prinċipali kienet, minbarra solidali, anki indiviżibili;

Issa, jekk kienet hekk, allura anki l-klawsola penali tiġi nkorsa indiviżibilment (art. 1166, Kap. 23, li għalkemm isemmi l-eredi ta' l-uniku debitur, jgħodd ukoll għall-każ ta' debituri diversi—ara Giorgi, Teor. Obligaz. Vol. IV, paġ. 574 in fondo, u 575 in princ.);

Rat ir-rikors tal-konvenut li bih dana appella mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tas-6 ta' Diċembru 1950, u talab ir-revoka tagħha u l-laqgħa tat-talba tiegħu għas-sejħa fil-kawża tal-koenfitewti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi bil-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika l-partijiet u oħrajn ftehmu kif sejjer jingħad:— "Gli enfiteuti in solido tra loro si obbligano.........." L-azzjoni li qiegħda teżerċita l-attriċi hija preċiżament bażata fuq dak il-ftehim. Kif inhu

konċepit, u bil-frażi "in solido" quddiem, dak il-ftehim jikkostitwixxi obligazzjoni solidali, mhux biss għal parti tal-ftehim kif isostni l-appellant, jiġifieri għall-benefikati, iżda wkoll għall-penali; għax dak huwa s-sens letterali tal-ftehim, u ma jistax jiftiehem xort'oħra. Dana huwa loġiku u konformi għall-prinċipji tad-Dritt; għax kif jesprimi ruħu Ascoli, "trasformandosi l'obbligazione solidale, per effetto d'inadempienza, nel risarcimento dei danni, l'obbligazione resta ugualmente solidale" (Codice Civile Annotato, Vol. III, art. 1203). U l-penali ma hix ħlief il-kumpens tal-ħsara (art. 1163 (1) Kod. Ċiv.);

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm is-solidarjetà weħedha ma ġġibx għall-konsegwenza ta' l-indiviżibiltà ta' l-obligazzjoni (art. 1155 Kod. Ċiv.), is-solidarjetà hija spiss indizju ta' indiviżibilità ta' l-obligazzjoni skond il-fehma tal-partijiet. Fil-każ in kwistjoni l-indiviżibilità hija l-konsegwenza loġika tan-natura tal-penali u tal-ftehim stess fuqha. U tabilħaqq, il-penali hija s-sanzjoni ta' l-inadempiment; u kif l-adempiment għandu jkun integrali biex jiġi eżegwit il-ftehim, hekk ukoll għandha tkun integrali l-penali korrispondenti għall-inadempiment. U tabilħaqq, il-partijiet riedu benefikati fil-forma ta' bini ta' ċertu minimu ta' valur, u għalhekk riedu l-eżekuzzjoni ntegrali ta' l-obligazzjoni; u fin-nuqqas tagħha stabbilew is-sanzjoni tal-penali, li b'daqshekk tipparteċipa minn natura ta' l-indiviżibilità ta' l-obligazzjoni prinċipali, u għalhekk hija wkoll indiviżibili;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ ta' obligazzjoni indiviżibili l-liġi, fl-art. 1160 tal-Kodiċi Ċivili, tagħti lill-konvenut il-jedd li jitlob is-sejħa fil-kawża tal-ko-obligati. Dak l-artikolu huwa simili għall-art. 1208 tal-Kodiċi Taljan li, kif igħid ir-Ricci (Corso di Dto. Civ. Vol. VI, p. 179) u Ascoli (loc. cit. art. 1208), "esso indubbiamente si applica........... non solo al caso di più eredi d'un debitore originario, ma anche a quello di pluralità di debitori originari" U għalhekk kien ikollu raġun l-appellant jinsisti bid-dritt għas-sejħa fil-kawża tal-ko-enfitewti, li kieku l-obligazzoni tal-penali kienet indiviżibili biss. Iżda fil-każ preżenti l-obligazzjoni hija wkoll solidali, u dana jġib konsegwenzi

oħrajn. U tabilħaqq, is-solidarjetà tagħti d-dritt lil kull kreditur li jagħżel lil min irid mid-debituri solidali biex idur fuqu għall-ħlas, u d-debitur għandu biss dritt ta' regress, u xejn iżjed (art. 1139 u 1149 Kod. Ċiv.),

Jgħid a propożitu l-Ascoli (loco cit.) :— "Ancora una volta è messa in evidenza colla disposizione di questo articolo (1208) la diversità fra obbligazione solidale e obbligazione indivisibile. Mentre nella prima, infatti, il debitore convenuto pel debito comune non può domandare alcuna dilazione per chiamare in causa il suo condebitore, questa facoltà è riconosciuta per regola al debitore di debito indivisibile". U la darba huwa hekk, il-konvenut ma jistax jinvoka d-dritt għas-sejħa fil-kawża tal-ko-enfitewti; u l-Ewwel Qorti sewwa għamlet li ċaħditlu dik it-talba, bir-riżerva li għamlitlu favur tiegħu;

Għal dawna r-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż ta' dina l-istanza kontra l-appellant.